



# Ir-Rabta ta' Bieb De Rohan ma' Ħaż-Żebbuġ

## Aspetti Storiċi u Soċjali

**Philip E. Said**
*Kunsillier Lokali, Ħaż-Żebbuġ*



## Il-Kuntest



Fl-istorja tal-iżvilupp politiku u soċjali ta' kull Belt u raħal f'Malta nsibu mumenti jew stadji importanti ta' min ifakkarhom aktar minn oħrajn. Huwa ġust u tajjeb li nfakkru l-imgħoddi, u jkun żball jekk ninsew il-passat li minnu għandna x'nitgħallmu biex il-ġejjieni nagħmluh aħjar. Iżda x'jagħmel dawn il-mumenti tal-imgħoddi importanti? Għaliex jissejħu 'fatt storiku'? U x'jagħmel fatt 'fatt storiku'? Il-ħajja tal-bnedmin u ta' nazzjon hi maħduma minn diversi ġrajjiet. Iżda mhux kulma jseħħ jagħmel l-istorja.

Fatt isir 'fatt storiku'għax iħalli warajh influenza partikulari fuq id-direzzjoni li jieħdu n-nies tal-lokalità jew il-pajjiż. Fatt storiku iġib bidla fl-ideat, fil-mentalità, fil-valuri, fil-kultura, fil-mod kif il-popolazzjoni tibda tħares lejn il-lokalità tagħha. U din l-influenza ma tkunx għal xi żmien speċifiku u daqshekk. Tħalli effetti fit-tul taż-żmien, fuq dik il-ġenerazzjoni milquta immedjatament u fuq il-ġenerazzjonijiet ta' wara. Malta, bħal kull pajjiż ieħor fid-dinja, ma tistax tiskappa l-influenza tal-istorja. L-istorja hija parti integrali minn ħajjitna, mill-ħajja ta' soċjetà, ta' nazzjon, ta' kull żmien, ta' kull ċiviltà. Storja u ċiviltà jimxu id f'id. Jagħmel tajjeb li bħala poplu jkollna immaġinazzjoni storika u sens storiku li jsawwarna bħala nazzjon.

Il-bini ta' Bieb De Rohan għandu dawn l-ingredjenti ta' x'jagħmel fatt storiku. L-effetti ta' dan il-bini nħassu fil-ħajja tal-poplu Żebbuġi. Il-bini tal-ħaġar ta' Bieb De Rohan jintrabat mal-bini ta' poplu, mat-tiswir politiku u soċjali, mal-ambjent sħiħ tiegħu. L-istorja bdiet fl-1777, seħħet materjalment fl-1798, u, għaliex kienet tabilħaqq fatt storiku, baqgħet u għadha fil-memorja kollettiva tagħna.

## Tajjeb li Nfakkru

L-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ, għall-inqas fil-parti ewlenija tagħha, nafuha. Il-ġrajja li jżejnu 'l Ħaż-Żebbuġ bi storja ta' ġieħ huma magħrufa minn ħafna minna. Iżda dejjem hu sewwa

li, minn żmien għal żmien, infakkru l-mumenti kritiċi tagħha li ż-żmien baqa' ma ħassarx il-marka tagħhom. Wieħed minn dawn il-mumenti kritiċi jseħħ fis-seklu 18. Ħalli nkunu ċari: dak li qiegħed jinġieb f'din il-kitba mhux meħud minn sorsi primarji, iżda minn sorsi sekondarji, l-aktar mir-riċerka ta' Michael Galea dwar il-Gran Mastru De Rohan u Malta ta' żminijietu, ippubblikata mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1996. Dan, iżda, ma jnaqqas xejn mill-mertu li nfakkru l-ġrajja kif seħħet. It-tifkira waħedha ta' dak li ġara fil-passat għandha wkoll x'tgħallimna għall-preżent.

Il-qagħda soċjali ta' Ħaż-Żebbuġ tas-seklu 18 turihielna deskrizzjoni tal-Commendatore Gian Franġisk Abela. Jgħidilna Abela,

(Ħaż-Żebbuġ) *jokkupa l-akbar medda ta' art u hu l-aktar wieħed popolat. Ħafna minn dawk li joqogħdu hawn jaqilgħu l-għixien tagħhom mix-xogħol tal-qoton u tal-insiġ. Fosthom hemm familji tat-tajjeb. Hemm diversi ħaddiema tas-sengħa u ċittadini ta' skola. Il-konfini tal-art huma tant mifruxa li jibqgħu sejrin sal-irħula żgħar tal-Ħal Muxi u Ħal Dwin. Wieħed isib djar mibnija fuq livell arkitettoniku tajjeb flimkien ma' residenzi oħrajn li jikkomparaw sewwa ma' djar fl-ibliet. Il-knisja parrokkjali tiegħu hija ta' ġmiel liema bħalu. Hi ddedikata lill-qaddis patrun San Filippu t'Agira. Fl-456 djar ta' residenza hemm joqogħdu 2074 persuna. 600 raġel huma ingaġġati mad-dejma, u għandhom il-liċenzja li jġorru l-armi.*[1]

X'turina din id-deskrizzjoni ta' Abela? Turina li Ħaż-Żebbuġ kien għaddej minn żmien ta' prosperità u stabilità. Turina l-livell għoli ta' sengħa li kellhom iż-Żebbuġin, u fuq kollox is-sens ta' servizz lejn pajjiżhom, imsaħħaħ dejjem minn impenn ċiviku. Mhux b'kumbinazzjoni li l-knisja parrokkjali tagħna ġiet ikkonsagrata f'dan iż-żmien, proprju fit-13 ta' Mejju 1729, mill-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan (1728-1758) sabiex tkun għaż-Żebbuġin simbolu ta' din l-istabilità u ispirazzjoni għall-imħabba lejn raħalhom u pajjiżhom. Wieħed jippresopponi li pajjiżna kien ukoll għaddej mill-istess żmien ta' stabilità u prosperità.



Il-qagħda ta' Ħaż-Żebbuġ tas-seklu 18, kif deskritta minn Abela, tinftiehem aħjar jekk narawha fuq l-isfond ta' dak li kien qed jiġri fl-Ewropa. Is-seklu 18 kien żmien meta l-kunċett ta' stat kien qiegħed jevolvi bħala wieħed mill-argumenti fuq is-sovranità u n-newtralità tal-pajjiżi Ewropej. Għandna għax nikkonkludu li Malta wkoll ittieħdet minn dawn l-ideat ta' nazzjonaliżmu, b'Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) il-protagonist ta' dan il-moviment patriottiku. Kien f'dan il-kontest soċjo-politiku, sewwasew fl-aħħar kwart tas-seklu 18, li Emanuel De Rohan inħatar Gran Mastru ta' gżiritna.

## Il-Gran Mastru Emanuel De Rohan (1775-1797)

Emanuel De Rohan twieled fit-18 ta' April 1725 minn familja nobbli Franċiża. Ġie magħżul bħala s-27 Gran Mastru minn meta l-Ordni ta' San Ġwann ġiet Malta fl-1530. Iż-żmien li serva bħala Gran Mastru ħalla marka sinifikanti

fuq l-istorja mżewqa tal-Ordni kif ukoll fuq pajjiżna. Fost il-proġetti ta' De Rohan għal Malta u l-Maltin insemmu: il-promozzjoni għat-tagħlim tal-Arti u x-Xjenza; it-twaqqif tal-Biblioteka, l-aħħar istituzzjoni prestiġġjuża tal-Ordni f'Malta; il-formulazzjoni tad-'Diritto Municipale'.[2] Magħruf bħala *Code De Rohan,* id-Diritto hu maqsum f'seba' kotba jew sezzjonijiet fuq liġijiet ċivili u kriminali mibnija fuq il-prinċipju li 'Ix-xewqa tas-Sultan hija Liġi'. Il-Kodiċi De Rohan jibqa' żvilupp prominenti fl-istorja legali Maltija. Aktar minn hekk, De Rohan sejjaħ Kapitlu Ġenerali tal-Kavallieri wara li dan kien ilu ma jissejjaħ għal 150 sena, u għaqqad l-Ordni Ospedallier ta' San Ġwann mal-Ordni ta' Sant'Antnin ta' Vienna. U bl-għaqal tiegħu, il-qagħda finanzjarja tal-Ordni tjiebet drastikament. Ġie deskritt bħala persuna 'b'moħħ miftuħ, għaqlija, attiva, ġeneruża, u li taf tħenn'(C.E. Engel, 1963). F'ilsien il-Maltin kien meqjus bħala 'prudenti fil-pariri u fl-imġiba tiegħu f'kull sitwazzjoni'(F. Panzavecchia). Il-formula tal-ġurament tal-ħatra tgħid li bħala Gran Mastru kellu jkun 'il-ħarries (kustodju) tal-fqar tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.' De Rohan kien l-aħħar Gran Mastru li ġie midfun f'Malta - avveniment li servieh biex jiskappa d-dominanza tal-ħakma Franċiża f'Malta.[3] L-akbar ġrajja li tassoċja 'l-Gran Mastru De Rohan ma' Ħaż-Żebbuġ hija l-għotja tal-istatus ta' 'Civitas'– Belt – lil Ħaż-Żebbuġ, l-akbar għotja ta' ġieħ li setgħet tingħata.

## Ħaż-Żebbuġ: Civitas De Rohan

Il-ħsieb li Ħaż-Żebbuġ jingħata t-titlu ta' 'Belt', 'città' , tqanqal l-ewwel darba fl-1724 meta l-Gran Mastru Manoel Vilhena irregala 'l-parroċċa relikwija ta' San Filippu t'Agira. Madankollu, il-kappillan Dun Giovanni Battista Sagnani (1705-1740) ma qabilx mal-idea għaliex fehem li kienu jmorru lil hinn mil-limiti tal-prudenza jekk jitolbu favur ieħor lil Vilhena wara li dan kien diġà ipprivileġġa 'l Ħaż-Żebbuġ bir-relikwija prezzjuża ta' San Filep. Iżda x-xewqa li tkebbset fl-1724 baqgħet ma ntfietx f'qalb in-nies sa 53 sena wara. Fl-1777, il-Kappillan Dun Feliċ Borg ressaq lil Gran Mastru De Rohan petizzjoni tal-poplu Żebbuġi biex Ħaż-Żebbuġ jingħata l-ġieħ ta' Belt u jibda b'hekk jissejjaħ 'Città Rohan'. 'L-aħjar mod kif nesprimu r-rispett kbir tagħna lejk', talbu ż-Żebbuġin, 'hu li nitolbu l-Maestà' Tiegħek li tieħu l-inkarigu li tbiddel l-isem tar-raħal tagħna minn 'Żebbuġ' li jfisser sliem għal wieħed aktar dinjituż billi tgħolli l-istatus tiegħu minn subborg għal Belt fl-isem ta' De Rohan li hu wieħed mill-aqwa ismijiet fl-Ewropa'[4]. De Rohan mill-ewwel laqa' t-talba tal-poplu Żebbuġi u iddekreta li '… nagħtu lilu l-isem dinjituż ta' Belt Rohan li jġib isimna stess.'[5]

Is-sens ta' ringrazzjament u gratitudni lejn De Rohan kien espress mill-poplu Żebbuġi f'wegħda li jibnu żewġ Bibien f'għamla ta' arkata fid-dħul tal-Belt il-ġdida b'tifkira dejjiema tal-ġest nobbli tas-Sultan maħbub. L-idea ta' Bieb bħal dan kienet diġà f'moħħ in-nies meta tellgħu arkata tal-injam, fuq disinn ta' Rocco Buhagiar (1723-1805) fl-okkażjoni taż-żjara ta' De Rohan għall-festa ta' San Filep, fit-12 ta' Mejju 1776, ħames xhur biss wara l-ħatra tiegħu. Tajjeb inżidu li din iż-żjara kellha tifsira politika wkoll. Xahar qabel l-għażla tiegħu, il-poplu Malti qam bi ħġaru kontra l-mod ta' tmexxija tal-Gran Mastru ta' qablu, Ximenes. Ir-relazzjoni tal-Ordni mal-Maltin kienet, għalhekk, fl-aktar livell baxx tagħha. Għaldaqstant De Rohan ried li terġa' tinbena relazzjoni tajba bejn l-Ordni u l-Maltin. De Rohan kien jara s-sehem tiegħu fil-festi tal-ibliet u l-irħula bħala okkażjoni tajba għal dan il-għan.[6] Il-wegħda tal-poplu li jibnu mafkar ta' ġieħ lil De Rohan kienet għelm simboliku





BANDA SAN FILEP A.D.1851

ta' din il-ħbiberija, ukoll jekk fuq livell lokali, l-istess bħalma kienet il-wegħda tal-poplu ta' Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u s-Siġġiewi lill-Gran Mastru Hompesch fl-1797, is-suċċessur ta' De Rohan.



## Bieb De Rohan

Kienet tradizzjoni f'Ruma imperjali li jfakkru l-vittorji tal-imperaturi bil-bini ta' arkati ta' trionf. U aktar ma jkun kbir il-bini ta' dawn il-Bibien Trionfali aktar tkun tidher l-importanza u l-kobor tal-vittorja. Il-grandjożità tal-mafkar kienet tfisser il-grandjożità tal-personalità tal-imperatur jew sultan u tal-akkwisti tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-bibien f'għamla ta' arkati kienu jinbnew biex jimmarkaw id-dħul, barra milli kienu jservu wkoll bħala difiża. Il-bini ta' Bieb De Rohan f'Ħaż-Żebbuġ kellu dawn il-funzjonijiet, iżda fuq kollox kien rigal tal-poplu lill-Gran Mastru.

Il-wegħda li jinbnew żewġ bibien-arkata nżammet, għalkemm parzjalment. Minħabba ż-żminijiet ta' faqar fost il-popolazzjoni inbena bieb-arkata wieħed fuq id-disinn ta' Giuseppe Xerri. Il-parroċċa ħallset 100 skud waqt li l-kontribuzzjonijiet tal-parruċċani telgħu għal 1000 skud – ammont konsiderevolment qawwi meta tqis iż-żmien ta' nuqqas li kienu qegħdin jesperjenzjaw in-nies dik il-ħabta.[7] 'Il-Bieb il-Ġdid', kif isejjaħlu Dun Salv Ciappara (1882), ġie inawgurat f'jum il-festa ta' San Filep fl-1798 mill-Gran Mastru Ferdinand Hompesch li issuċċieda lil De Rohan. Ciappara, għalhekk, isibu bħala 'Bieb Hompesch' aktar milli Bieb De Rohan kif kien mifhum f'moħħ iż-Żebbuġin, u kif għadu magħruf fi żmienna.[8]

Fl-istudju tiegħu fuq l-istili arkitettoniċi differenti tad-djar u binjiet oħra f'Ħaż-Żebbuġ[9], il-Perit Anthony Gatt jagħti deskrizzjoni arkitettonika ta' Bieb De Rohan f'dan is-sens:

*"Dan il-Bieb. .. hu mibni bi stil neo-klassiku. Fih erba'pilastri Doriċi jistrieħu fuq żewġ pedestalli għoljin li jerfgħu entablatura Dorika u frontispizju triangular. L-għoli tal-pedstall jagħti lil din l-arkata xeħta vertikali."*

Fuq ġenb tal-lemin tal-Bieb, 'il fuq mill-blata ta' bieb żgħir, hemm niċċa antika ta' Ġesù fit-tbatija, hekk magħrufa bħala l-Ecce Homo. L-istruttura ta' barra tan-niċċa hi tal-injam, maħduma fuq stil gotiku u hi ta' lewn ħamrani skur ('maroon'), bi strixxi bojod. Hi maħduma fuq disinni triangular opposti għal xulxin b'tinqix ornamentali f'għamla ta' skrolls. Mad-dawra ta' barra hemm żewġ pilastri puliti b'kapitelli fuqhom. Il-bażi triangular tagħhom tkompli tagħti 'l din in-niċċa x-xeħta gotika. X'aktarx li din hi l-unika niċċa ta' din l-għamlu li hawn f'Ħaż-Żebbuġ. L-attenzjoni ta' min jgħaddi u jħares tmur b'mod naturali fuq ix-xbieha ta' Kristu inkurunat bix-xewk, imqiegħda fi gwarniċ maħdum fit-tond b'lewn bajdani. Imkien għadu ma nstab min hu l-attur ta' din il-pittura kif lanqas ma nafu min ikkommissjonaha. Fid-29 ta' Ottubru 1947 din in-niċċa ntlaqtet minn trakk li kien għaddej minn ġo Bieb De Rohan (peress li qabel inbniet Vjali l-Ħelsien il-karozzi kbar u żgħar kien

jgħaddu minn taħtha). Iżda n-niċċa nħadmet mill-ġdid minn żewġ voluntiera Żebbuġin, Pawlu Caruana u Anthony Micallef li b'għaqal, paċenzja u perseveranza mhux komuni reġgħu ġabru l-biċċiet tagħha u ħadmu b'sengħa replika tal-istess niċċa. Biż-żmien u l-istrapazz tat-traffiku, il-pittura fuq it-tila tal-wiċċ ta' Kristu kienet tmermret. Fuq inizjativa ta' Carmelo Gatt, inxtara ritratt tal-wiċċ ta' Kristu minn ħanut fi Triq San Bastjan, Ħal Qormi, li wara li ġie ikkulurit b'żebgħa taż-żejt, tqiegħed flok il-pittura oriġinali. Ir-ritratt kien replika aċċettabbli bħala xebh tal-oriġinal u akkompanja tajjeb l-istil gotiku tan-niċċa. L-inawgurazzjoni tar-restawr tal-xbieha devota f'din in-niċċa ġiet imfakkra f'ċerimonja apposta mill-parroċċa li tagħha Dun Lawrenz Cachia kien Arċipriet. Meta fis-17 ta' Ġunju 1995 il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ ħa ħsieb jirrestawra u jikkonserva Bieb De Rohan, ra kif inkluda r-restawr ta' din in-niċċa, bix-xogħol ta' tiġdid fdat f'idejn Joseph Camilleri li ħadem kif titlob is-sengħa ta' restawr, iżda fuq kollox b'mod voluntarju.[10] In-*National Inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands* jikklassifika l-valur ta' din in-niċċa u l-pittura tagħha bħala ta' 'livell għoli'.

Aktar qrib lejna, bejn l-1905 u l-1929, il-linja tat-tramm bejn il-Belt Valletta u Ħaż-Żebbuġ kienet tibda u tispiċċa qrib Bieb il-Ġdid. Meta fl-1953 infetħet Vjal il-Bieb (*Gate Avenue*, illum Vjal il-Ħelsien), Bieb De Rohan beda jitgawda aħjar u sar il-marka distintiva man-nies ta' Ħaż-Żebbuġ u mal-Maltin. Imperreċ fit-tokk ta' triq ġdida (Vjal il-Ħelsien) u triq qadima (Triq il-Kbira), Bieb De Rohan jibqa' jgħaqqad u jfakkar il-qadim u l-ġdid b'tifkiriet tradizzjonali u moderni, bl-istili kulturali tagħhom. Bieb De Rohan ġie nkluż fil-Lista tal-Antikitajiet tal-1925, u bħalissa hu skedat bħala monument nazzjonali tal-ewwel grad.

Meta fl-1995 Bieb De Rohan ġie restawrat bl-inizjattiva tal-ewwel Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ (1993-1996) rajna ċerimonja ħelwa ta' tifkira. Il-qofol taċ-ċelebrazzjoni kien diskors kommemorattiv minn Dun Salv Caruana, saċerdot Żebbuġi li kellu għal qalbu r-riċerka fl-arkivji tal-parroċċa u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif li kien jirnexxilu jiġbor. Qabel id-diskors saret rappreżentazzjoni tal-inawgurazzjoni oriġinali tal-Bieb fl-1789 bis-sehem ta' atturi lokali li mxew f'purċissjoni minn pjazza San Filep sal-Bieb, b'persunaġġi jikkaratterizzaw Kavallieri u l-Gran Mastru. Illum sar it-tieni restawr u eżerċizzju ta' konservazzjoni tiegħu mid-Dipartiment tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Kultura u l-Gvern Lokali, wara li Bieb De Rohan ġie indikat mill-Kunsill Lokali preżenti bħala sit importanti ta' patrimonju kulturali.

Bieb De Rohan jibqa' xhieda ta' bidla u kontinwità, ta' trasformazzjoni u tiġdid soċjali, ta' tradizzjoni u innovazzjoni; jibqa' ħolqa bejn l-imgħoddi u l-preżent. Ra 'l Ħaż-Żebbuġ għaddej minn bidla ġeografika sa dik demografika, rah jinbidel minn soċjetà agrikola għal waħda industrijali sa dik diġitali fejn it-teknoloġija tal-informatika tinfluenza 'l ħajjitna u l-imġiba tagħna. Ra 'l Malta tinbidel minn kolonja għal Stat Indipendenti u Repubblika. Ra bidla fl-istil tal-ħajja, fil-kultura u l-valuri tal-familja. Ra jiltaqgħu ġrajjiet lokali ma' avvenimenti globali. F'kelma waħda, hu xhieda ta' kif inbidlet u żviluppat l-identità tal-Maltin. Jibqa' jfakkarna fuq l-importanza tal-edukazzjoni bħala l-bażi tal-progress u s-saħħa tagħna bħala Nazzjon u Stat sovran u demokratiku.

Bieb De Rohan jibqa' jżomm ħajja l-memorja tal-Gran Mastru De Rohan, kif jibqgħu ifakkruh it-triq li ġġib ismu u l-Banda De Rohan tal-Każin San Ġużepp. Dawn huma tliet monumenti tanġibbli li jibqgħu ifakkruna f'paġna mill-isbaħ tal-istorja ta' Beltna. Iżda sabiħa kemm hi sabiħa din il-paġna u importanti kemm hu importanti dak li jfakkarha,

jibqa' biss storja jekk ma nħarsux lil hinn minnha u nifhmu x'jimplika għalina t-titlu ta' ġieħ 'Civitas Rohan'. L-istorja ma tiqafx hawn. Tieqaf biss jekk ma tkunx applikata minna f'dak li tista' tgħallimna.



## Lilhinn mill-iStorja

Iċ-ċentru tal-istorja ta' Bieb De Rohan hu bla dubju l-istatus ta' 'Città Rohan' lil Ħaż-Żebbuġ. Ngħożżuh bħala ġieħ, u tassew hekk hu. Iżda fejn verament qiegħed dan il-ġieħ? Il-ġrajja li wasslitna għalih hi biżżejjed? Li naqrawha u nirrakkontawha minn ġenerazzjoni għal oħra turina l-implikazzjonijiet tagħha?

'Civitas' tfisser aktar minn sempliċiment id-dinjità li tibda tissejjaħ Belt. Hemm fiha l-kelma 'civis', ċittadin. Mela 'Civitas' għandha konnotazzjonijiet ta' 'ċittadinanza' mhux biss bħala status jew pożizzjoni ċivili, iżda wkoll, u aktar, bħala rwol li bħala ċittadini rridu nassumu. Hemm, għalhekk, l-idea tas-sens ċiviku, ta' responsabbiltà ċivika, ta' ċittadini attivi li għandhom interess fil-ħajja pubblika u soċjali ta' Belthom; ta' ċittadini li għandhom sens ta' kburija bl-istorja u l-kultura tal-lokalità tagħhom u tan-nazzjon pajjiżhom. 'Civitas Rohan' jew 'Civitas Żebbuġ' ikun tassew isem ta' ġieħ jekk ma nħalluhx biss ġrajja tal-istorja miktuba, iżda nsarrfuh f'ħajja ta' ċittadini responsabbli u nagħtuh it-tifsira sħiħa tiegħu b'ħajja mibnija fuq sens ċiviku. Dan jista' jsir jekk inrawwmu fina s-sens ta' identità ta' x'jagħmel 'il Ħaż-Żebbuġ dak li hu tabilħaqq: storja, kultura, patrimonju, ambjent naturali u soċjali, attività reliġjuza u attività politika b'risq iċ-ċittadin. Irridu naraw li 'civitas' ma tibqax kunċett vag u passiv, iżda li nattraduċuha f'realtà eżistenzjali billi nipparteċipaw f'dawk l-inizjattivi li jippromwovu 'l Ħaż-Żebbuġ u n-nies tiegħu, waqt li nsostnu l-għaqdiet tal-voluntarjat u ninkoraġġixxu l-koperazzjoni bejniethom minflok il-pika u l-kompetizzjoni. 'Civitas Rohan' għandha tfisser ukoll lingwaġġ ta' prudenza u rispett lejn id-differenzi li bilfors ikun hemm f'komunità u soċjetà dinamiċi mexjin lejn żviluppi post-moderni. 'Civitas Rohan' tilħaq is-sens sħiħ tagħha jekk inkunu solidali ma' xulxin, l-aktar ma' dawk l-aktar vulnerabbli. 'Civitas Żebbuġ' ma tibqax biss fuq livell storiku jekk nidraw nikkomunikaw bejnietna sew, jekk nisimgħu aktar b'moħħna milli b'widnejna, jekk nisimgħu ukoll is-sentimenti ta' xulxin, jekk nempatizzaw ma' xulxin. Kemm inkunu verament 'Civitas Rohan' jekk inżommu bilanċ bejn dak li rridu u dak li hemm bżonn li jsir, bejn l-interessi personali u l-ġid komuni, bejn il-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp għall-profitti mhux sostenibbli! Kemm tkun isbaħ 'Civitas Żebbuġ' jekk il-konflitti li huma parti mill-ħajja tal-individwu u tal-istituzzjonijiet ma nirriduċuhomx f'rivalità u ostilità, iżda narawhom bħala differenzi li jgħinuna nirrevedu l-pożizzjonijiet tagħna biex nifformulaw possibiltajiet ġodda li jwassluna għal ftehim.

Nistgħu bħala lokalità u bħala pajjiż jirnexxilna nagħmlu pass 'il quddiem fil-kwalità



tal-ħajja. Dan jista' jsir billi nitrawmu f'dawn l-attitudnijiet u l-ħiliet soċjali. B'hekk inkunu qegħdin ngħaqqdu l-passat storiku mal-preżent ċiviku, u l-ġrajja tal-bini u r-restawr ta' Bieb De Rohan ma tkunx biss storja dokumentata biex titfakkar f'xi okkażjoni speċjali, iżda tkun realtà ħajja, tal-lum, li twassal għall-promozzjoni tagħna bħala ċittadini individwali, bħala komunità u bħala nazzjon. B'hekk Bieb De Rohan ma jibqax biss binja monumentali kiesħa fil-ġebel li jsawwru u li għadu kif ġie restawrat, iżda jsir simbolu u messaġġ ta' poplu matur u ħaj fil-kultura u l-patrimonju tiegħu.

Il-Knisja f'Malta, protagonist fl-aktar mumenti importanti tal-istorja ta' Malta, kienet ukoll protagonist fil-bini ta' Bieb De Rohan fis-seklu 18. Illum ukoll, meta l-ġurisdizzjoni ekklesjastika fuqu qiegħda tgħaddi għal ġurisdizzjoni ċivili, qiegħda tinkiteb paġna important oħra. U l-fatt li l-Kunsill Lokali se jkollu l-kustodja u l-manteniment ta' Bieb il-Ġdid jgħabbina b'aktar responsabbiltà li nħarsuh bħala element ewlieni u distintiv tal-patrimonju kulturali ta' Ħaż-Żebbuġ.

22 ta' Ottubru, 2016

**Referenzi**

[1] Verzjoni bil-Malti tat-text bl-Ingliz migjub minn Michael Galea (1996) fi Grand Master Emanuel De Rohan, 1775-1797, p.vii, mill-original bit-Taljan ta' G.F. Abela (1647), Lib. 1, Not. Viii, p.280.

[2] Is-seba'kotba ta' Code DE Rohan huma: Ktieb 1- Il-'Magna Curia Castellania Melitenis'jew il-Qrati tal-Ordni;Ktieb 2 – Il-Procedura Civili u Kriminali; Ktieb 3- Il-Kuntratti; Ktieb 4 - It-Testmenti u s-Successjoni; Ktieb 5 – Il-Ligijiet Kriminali; Ktieb 6 – Il-Kummerc Marittimu u l-Armamenti; Ktieb 7 –Regolamenti ohra mhux inkluzi f'Kotba 1 sa 6.

[3] Michael Galea (1996), ibid., p.1 et seq.

[4] Said, Philip E. (ed.)(2006). Ħaż-Żebbuġ: Storja, Memorja u Identità, Kunsill Lokali, Ħaż-Żebbuġ, p. 264, citat minn Michael Galea (1996). Grand Master De Rohan – 1775-1797, pp. 33-34.

[5] '.. . eique nomen speciosae Civitas Rohan de nostro gentile Nomine imponimus'. (M. Galea, 1996, ibid., pp. 33-34.

[6] M. Galea (1996). Ibid., p. 52

[7] Galea, Michael (1996). Ibid., pp. 30-37.

[8] Ciappara, Salv (Dun) (1882). Storia del Żebbuġ e Sua Parrocchia, maqlub għall-Malti minn Frans Sammut (2001) fi *Grajjiet Ħaż-Żebbuġ*, p. 135.

[9] Anthony Gatt (2006*). Ħaż-Żebbuġ u l-Knejjes Tieghu* fi Said, Philip E. (ed.)(2006). Ħaż-Żebbuġ: Storja, Memorja u Identità , Kunsill Lokali, Ħaż-Żebbuġ, 2006, pp. 225-235.

[10] It-tagħrif dwar in-nicca msemmija għaddihulu it-tabib Godfrey Farrugia li kien l-ewwel Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ fiz-zmien tal-ewwel Kunsill Lokali, 1993-1996.